MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 405/2007

**Maltacom Plc C2234**

**vs**

**Ronald Apap (ID150470M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ mija disgha u ghoxrin Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmi (LM 139.23) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lil Maltacom Plc in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 2147 2027 skond dokumenti annessi mat-talba.

Illi l-konevnuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' x-xhieda tal-konvenut fis-seduta tal-11 ta' Gunju, 2007 fejn ammetta lli l-ammont mitlub huwa dovut izda xtaq li jhallas ratealment;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------